



Dokument ta' sessjoni

A9-0171/2024

9.4.2024

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown)
(COM(2024)0035 – C9-0040/2024 – 2024/0044(BUD))
Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Janusz Lewandowski

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	9
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI	12
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	17
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	19

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown)
(COM(2024)0035 – C9-0040/2024 – 2024/0044(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0035 – C9-0040/2024),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ (“ir-Regolament dwar il-FEG”),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027^{2 3} kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁵, u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0171/2024),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tagħti appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u biex tgħinjom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; billi din l-assistenza hija fornuta permezz ta' appoġġ finanzjarju li jingħata lill-ħaddiema u lill-kumpaniji li għalihom ikunu ħadmu;

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433, 22.12.2020, p. 11.

³ ĠU L 433, 22.12.2020, p. 11.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

⁵ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

- B. billi d-Danimarka ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2023/004 DK/Danish Crown għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wara għadd totali ta' 751 sensja⁶ fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-diviżjoni 10 (Manifattura ta' prodotti tal-ikel) tan-NACE Reviżjoni 2 fil-provinċja tal-Jutland tat-Tramuntana, 692 sensja f'perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni mid-19 ta' Mejju 2023 sad-19 ta' Settembru 2023, u 59 sensja qabel jew wara l-perjodu ta' referenza;
- C. billi l-applikazzjoni tikkonċerna 692 sensja fil-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni, 651 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet f'Danish Crown (Danish Crown A/S) u 41 ħaddiem issensjat f'żewġ fornituri u produtturi downstream ta' Danish Crown⁷;
- D. billi l-applikazzjoni tikkonċerna 59 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, li matulu tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza kif meħtieġ mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament dwar il-FEG;
- E. billi l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jkun hemm tal-inqas 200 ħaddiem li jkunu ngħataw is-sensja f'perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'impriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li ngħataw is-sensja minn fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom waqfet;
- F. billi s-settur tal-biċċerija Daniż jinsab fi kriżi strutturali; billi mill-2005, l-għadd ta' ħnieżer skarnati fid-Danimarka naqas b'4,4 miljuni (20 %); billi t-tnaqqis huwa dovut l-aktar għall-bidla mit-trobbija tal-ħnieżer għall-iskarnar, għat-trobbija tad-drafeġ għall-esportazzjoni; billi l-esportazzjoni tad-drafeġ tirrendi aktar għall-bdiewa Daniżi mit-tismin tal-ħnieżer għall-iskarnar minħabba l-prezzijiet baxxi tal-majjal,
- G. billi Danish Crown huwa grupp ta' kumpaniji tal-ikel Daniżi involuti fit-tbiċċir, l-ipproċessar u l-bejgħ prinċipalment tal-majjal u taċ-ċanga; billi l-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa l-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby fil-muniċipalità ta' Frederikshavn wara d-deklin fid-disponibbiltà tal-ħnieżer għall-iskarnar;
- H. billi kien hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u f'dik tal-UE rigward is-sensji kollettivi,
- I. billi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti prinċipalment lejn miżuri ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjeg deċenti u sostenibbli fi ħdan is-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar ekoloġika u aktar diġitali;
- J. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi l-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u l-Istituzzjonijiet kollha jenħtieġ li jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex

⁶ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

⁷ 37 ħaddiem issensjat f'TekniClean A/S, u erba' ħaddiema ssensjati fl-Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari Daniża.

jiżguraw li t-talbiet ġustifikati kollha għal appoġġ mill-FEG, bħala manifestazzjoni tas-solidarjetà tal-Unjoni, ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li d-Danimarka għandha d-dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 882 212 fl-ambitu ta' dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 3 137 021, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 2 878 001 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, kif ukoll ta' kontroll u ta' rapportar b'total ta' EUR 259 020;
2. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi ppreżentaw l-applikazzjoni fis-6 ta' Diċembru 2023, u li, wara li rċeviet informazzjoni addizzjonali mid-Danimarka, il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fid-29 ta' Frar 2024 u nnotifikatha lill-Parlament fl-istess ġurnata;
3. Jinnota li l-applikazzjoni tikkonċerna 751 ħaddiem issensjat affettwati mill-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby; jinnota wkoll li total ta' 390 ħaddiem issensjat se jkunu benefiċjarji fil-mira u huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri;
4. Jieħu nota li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema ssensjati għandhom livelli baxxi ta' kwalifiki formali (46 %) jew kwalifiki u ħilet pjuttost obsoleti (40 %); jieħu nota li 305 ħaddiema ssensjati (41 %) ġejjin minn kunist ta' migrazzjoni u ma għandhomx ħakma tajba tad-Daniż; il-pakkett tal-FEG jipproponi wkoll miżuri għat-titjib tal-kompetenzi ġenerali inkluż it-titjib tal-ħilet lingwistiċi fid-Daniż;
5. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal mid-Danimarka f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, ir-rappreżentanti tagħhom u s-sħab soċjali;
6. Ifakkar li s-servizzi personalizzati li għandhom jiġu furnuti lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin: il-motivazzjoni, iż-żamma, it-taħriġ dwar il-kompetenzi ġenerali, it-taħriġ għat-tiġdid u għat-titjib tal-ħilet, u l-allowance għat-taħriġ u għat-tfittix ta' impjeg;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li saru offerti ta' taħriġ li jqisu diversi studji bħal Jobbarometer 2023 (analiżi tal-ħtiġijiet tax-xogħol lokali fil-muniċipalitajiet ta' Frederikshavn, Hjørring, Jammerbugt u Brønderslev), il-bilanċ biennali fis-suq tax-xogħol li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-opportunitajiet possibbli ta' impjegi, u l-analiżi ta' FremKom4 dwar il-ħilet, u li għandhom l-għan li jżidu l-kompetenzi ġenerali (inklużi fil-lingwa u fin-numeriżmu), il-kompetenzi diġitali u t-titjib tal-ħilet għall-impjegi b'nuqqas ta' ħilet;
8. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-prospettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħilet meħtieġa fil-futur, u dawn huma kompatibbli mal-bidla f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffokaw partikolarment fuq id-disseminazzjoni tal-ħilet meħtieġa fl-era industrijali diġitali;
9. Jinnota li d-Danimarka bdiet toffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fis-16 ta' Ottubru 2023 u li, għaldaqstant, il-perjodu ta' eliġibbiltà għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun mis-16 ta' Ottubru 2023 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul

fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;

10. Jinnota li d-Danimarka bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ġunju 2023 u li, għaldaqstant, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, kif ukoll ta' kontroll u ta' rapportar se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ġunju 2023 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;
11. Jisħaq li l-awtoritajiet Daniżi kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u li l-prinċipji tal-ugwaljanza fit-trattament u n-nondiskriminazzjoni se jiġu osservati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom;
12. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi, jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-ħaddiema ssensjati, biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokkazzjoni;
13. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-iskop li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieġ deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jagħti appoġġ lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja u lil dawk li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinjom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieġ sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018), kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093³.
- (3) Fis-6 ta' Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Danish Crown u f'żewġ fornituri u produttori downstream fid-Danimarka, fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")⁴ Reviżjoni 2 diviżjoni 10 (Manifattura ta' prodotti tal-ikel) fir-reġjun tal-livell 2 tal-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS")⁵ tal-Jutland tat-Tramuntana (DK05)

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

⁴ Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–

fid-Danimarka. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 882 212 għall-applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni stabbilit għas-sena finanzjarja 2024, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 882 212 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn [data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni][□].

Magħmula fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

56.

⁶ COM(2024) 035.

[□] Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament Ewropew qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) inħoloq biex jagħti assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji.

F'konformità mal-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020⁷, il-Kummissjoni hija meħtieġa, wara l-valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, tippreżenta proposta lill-awtorità baġitarja biex timmobilizza l-Fond u tikkomplementaha b'talba korrispondenti għal trasferiment fil-linji baġitarji rilevanti.

II. L-applikazzjoni tad-Danimarka u l-proposta tal-Kummissjoni

Fis-6 ta' Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat applikazzjoni EGF/2023/004 DK/Danish Crown għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara 751 sensja⁸ fil-kumpanija Danish Crown (Danish Crown A/S) u f'żewġ fornituri u produtturi downstream li rriżultaw mill-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby. Din hija r-raba' applikazzjoni tal-2023 u t-tieni waħda li għandha tiġi eżaminata fil-qafas tal-baġit 2024.

Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

Fid-29 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur id-Danimarka biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 390 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri ħaddiema li nġhataw is-sensja b'riżultat tal-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby. B'kollox, se jiġu mobilizzati EUR 1 882 212 mill-FEG għad-Danimarka, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti.

Il-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni tad-Danimarka ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jkun hemm tal-inqas 200 ħaddiem li jkunu nġhataw is-sensja f'perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'impriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn fornituri u produtturi downstream u/jew minn persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom waqfet.

Il-kofinanzjament tal-FEG intalab għall-ħames tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati:

- (a) Motivazzjoni: L-ewwel miżura hija taħlita ta' informazzjoni, motivazzjoni u konsulenza, flimkien mat-tfassil ta' profil tal-ħaddiema. L-għan ewlieni tal-proċess ta' motivazzjoni huwa li jiżviluppa l-fiduċja tal-parteċipanti fil-kapaċitajiet tagħhom stess, iġibhom konxji li t-titjib tal-ħiliet tagħhom se jgħinhom jiksbu impjieġ ġdid, jiddiskuti l-

⁷ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

⁸ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

ostakli possibbli li jistgħu jxekklu t-titjib tal-ħila tagħhom u flimkien isibu soluzzjonijiet biex jegħlbu dawn l-ostakli.

(b) Żamma: L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tinżamm il-motivazzjoni għall-parteċipazzjoni f'perkorsi edukattivi u ta' titjib tal-ħiliet billi l-ħaddiema ssensjati jiġu appoġġjati permezz ta' mentoraġġ individwali u pariri personalizzati, filwaqt li tgħinjom jegħlbu l-isfidi u jnaqqsu sal-minimu l-ostakli.

(c) Taħriġ dwar il-kompetenzi ġenerali: L-Att Daniż dwar l-Isforzi Attivi għall-Impjiegi jistabbilixxi li l-ħaddiema ssensjati jeħtiġilhom li jiġu offruti taħriġ fil-qari, fil-kitba u fl-aritmetika, kif ukoll taħriġ dwar id-dislessija, jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, it-taħriġ joffri parti mill-pakkett tal-FEG, isaħħaħ it-taħriġ bażiku previst mil-liġi u jiffoka fuq l-edukazzjoni ġenerali għall-adulti li tippermetti titjib ta' suġġett wieħed jew aktar fil-livell tal-iskola primarja, kif ukoll tal-ħiliet lingwistiċi fid-Daniż. It-taħriġ fid-Daniż huwa partikolarment rilevanti peress li 41 % tal-ħaddiema ssensjati ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u m'għandhomx ħakma tajba tad-Daniż. Huwa wkoll previst taħriġ fil-ħiliet diġitali u taħriġ *ad hoc* imfassal għall-ex ħaddiema ta' Danish Crown. It-taħriġ adattat huwa taħlita ta' taħriġ lingwistiku u appoġġ orjentat lejn l-impjiegi (inkluż it-tfittix ta' impjieg) biex jgħin lill-parteċipanti jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi tax-xogħol u jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol.

(d) Taħriġ għat-tiġdid u għat-titjib tal-ħiliet: Il-profilu tal-ħaddiema ssensjati ma jikkorrispondux mal-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema għandhom livelli baxxi ta' kwalifiki formali (46 %) jew kwalifiki u ħiliet pjuttost obsoleti (40 %). Ħafna mill-ħaddiema b'edukazzjoni primarja biss jappartjenu għall-grupp ta' età bejn it-30 u d-39 sena, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema b'edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali (VET) bħala l-ogħla livell edukattiv jappartjenu għall-grupp ta' età bejn il-50 u d-59 sena. L-offerta ta' taħriġ tinkludi perkorsi iqsar għat-titjib tal-ħiliet (taħriġ AMU) u taħriġ vokazzjonali bbażat fuq valutazzjoni tal-kompetenza (RKV) li tiċċertifika kwalunkwe kompetenza miksuba fis-sistema edukattiva formali fuq il-post tax-xogħol jew permezz ta' taħriġ kontinwu. L-AMU jiffoka fuq it-taħriġ ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet u jkopri l-biċċa l-kbira tas-snaġġa, l-industriji, u s-servizzi. L-offerta tal-AMU tvarja minn korsijiet introduttivi għal korsijiet speċjalizzati ħafna. It-taħriġ jingħata f'sessjonijiet ta' ħidma li jixbhu l-ambjent tax-xogħol tal-intrapriżi.

(e) Allowance għat-taħriġ/għat-tfittix ta' impjieg: Il-ħaddiema se jirċievu allowance waqt li jkun qad jitħarrġu jew ifittxu impjieg.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

Id-Danimarka pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Hija kkonfermat li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi tali azzjonijiet.

Il-proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba għal trasferiment ta' ammont globali ta' EUR 1 882 212 mir-riżerva tal-FEG (linja baġitarja 30 04 02; approprjazzjonijiet ta' impenn) għall-FEG (linja baġitarja 16 02 02; approprjazzjonijiet ta' impenn).

Skont ftehim intern fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat dwar il-Politika Reġjonali għandhom jiġu assoċjati fil-proċess sabiex joffru appoġġ kostruttiv u jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

19.3.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-
Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni ppreżentata mid-
Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown (2024/0044(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-
istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-
forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-
19 ta' Marzu 2024 u ddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat
responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni
tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pişlaru

SUĠĠERIMENTI

- A. billi, fis-6 ta' Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2023/004 DK/Danish Crown għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) wara s-sensji f'Danish Crown u f'żewġ fornituri u produtturi downstream fid-Danimarka;
- B. billi l-applikazzjoni tikkonċerna 692 sensja fil-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni, jiġifieri 651 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet f'Danish Crown (Danish Crown A/S), li topera fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-diviżjoni 10 (Manifattura ta' prodotti tal-ikel) tan-NACE Reviżjoni 2, u 41 ħaddiem issensjat f'żewġ fornituri u produtturi downstream ta' Danish Crown fir-reġjun ta' livell NUTS 2 tal-Jutland tat-Tramuntana (Nordjylland, DK05); billi, minbarra dawn il-ħaddiema, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 59 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur; billi l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 751;
- C. billi l-Kummissjoni qieset din l-applikazzjoni tad-Danimarka ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jkun hemm mill-inqas 200 ħaddiem li jkunu ngħataw is-sensja f'perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'impriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li ngħataw is-sensja minn fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet;
- D. billi, fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur id-Danimarka biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 390 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby;
- E. billi Danish Crown huwa grupp ta' kumpaniji tal-ikel Daniżi involuti fit-tbiċċir, fl-ipproċessar u fil-bejgħ prinċipalment tal-majjal u taċ-ċanga; billi l-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa l-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby fil-muniċipalitá ta' Frederikshavn wara d-deklin fid-disponibbiltá tal-ħnieżer għall-iskarnar;
- F. billi s-settur tal-biċċeriji Daniż jinsab fi kriżi strutturali; billi, mill-2005, l-għadd ta' ħnieżer skarnati fid-Danimarka naqas b'4,4 miljuni (20 %); billi t-tnaqqis huwa dovut l-aktar għall-bidla mit-trobbija tal-ħnieżer għall-iskarnar, għat-trobbija tad-drafeġ għall-esportazzjoni; billi l-esportazzjoni tad-drafeġ tirrendi aktar għall-bdiewa Daniżi mit-tismin tal-ħnieżer għall-iskarnar minħabba l-prezzijiet baxxi tal-majjal;
- G. billi, mill-kriżi finanzjarja tal-2008, l-għadd ta' impjegi marbuta mal-industrija u mal-produzzjoni fil-muniċipalitá ta' Frederikshavn naqas b'36 %, tliet darbiet ir-rata nazzjonali; billi, għalkemm il-qgħad fil-Jutland tat-Tramuntana huwa baxx (3,1 % f'Awwissu 2023), huwa kemxejn ogħla mill-medja nazzjonali (2,8 %); billi l-għadd ta' persuni qiegħda fir-reġjun żdied b'10 % fl-2023 meta mqabbel mal-2022; billi l-muniċipalitajiet kollha ġew affettwati; billi l-għadd ta' nisa qiegħda baqa' l-istess, filwaqt li l-qgħad tal-irġiel żdied b'20 %; billi dawn l-iżbilanċi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol reġjonali jżidu mad-diffikultajiet meta wieħed jimpjega l-ħaddiema; billi l-irġiel jaħdmu prinċipalment fis-settur privat u huma rrappreżentati żżejjed fl-

agrikoltura, fl-industrija u fl-artiġjanat, filwaqt li n-nisa huma rrappreżentati żżejjed fl-amministrazzjoni pubblika, fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fil-kultura u fid-divertiment; billi d-diżaggregazzjoni skont il-ġeneru tal-ħaddiema ssenjati f'Danish Crown jixhed dan l-iżbilanċ (86 % rġiel u 14 % nisa); billi skont l-analiżi ta' FremKom4, hemm nuqqas ta' forza tax-xogħol kwalifikata fil-Jutland tat-Tramuntana, kemm fil-qasam tekniku (it-tranżizzjoni ekoloġika) kif ukoll fl-oqsma tal-kura, tas-saħħa u tal-pedagoġija (il-protezzjoni soċjali) u dan mistenni li jiżdied;

- H. billi Danish Crown kien konformi mal-leġiżlazzjoni Daniża dwar is-sensji kollettivi, liema leġiżlazzjoni tistabbilixxi proċedura obbligatorja għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema; billi l-proċedura tagħmilha possibbli li tiġi eżaminata kwalunkwe possibbiltà li jiġi evitat jew li jitnaqqas l-għadd ta' sensji; billi direttament wara d-deċiżjoni li jingħalaq is-sit ta' Sæby, il-maniġment tal-intrapriża u r-rappreżentanti tal-impjegati bdew jinnegozjaw pjan soċjali, li jinkludi offerti għal rikollokament f'siti oħra ta' Danish Crown, konsulenza individwali, intervisti għal impjieg u taħriġ, u allowances għar-rilokazzjoni għal dawk li ntbagħtu f'biċċerija oħra ta' Danish Crown; billi, f'Mejju 2023, saret fiera tal-karrieri interna li ffukat fuq madwar 400 impjieg intern f'Danish Crown, segwita bi żjara bil-kowċ lejn biċċerija oħra ta' Danish Crown fid-Danimarka; billi Danish Crown jikkontribwixxi wkoll miljun krona Daniża (madwar EUR 134 050) għas-sehem tal-kofinanzjament nazzjonali tal-ispiża tal-miżuri;
- I. billi id-Danimarka kkonfermat li l-miżuri li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
- J. billi d-Danimarka indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mat-trade union NNF, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691;
- K. billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-oġġettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal dik diġitali meħtieġa b'mod urġenti tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropej; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-

Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li d-Danimarka għandha d-dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 882 212 fl-ambitu ta' dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 3 137 021, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 2 878 001 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, kif ukoll ta' kontroll u ta' rapportar b'total ta' EUR 259 020;

3. Jilqa' l-fatt li l-applikazzjoni tad-Danimarka tħejjiet f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-muniċipalitá ta' Frederikshavn, mal-Aġenzija Daniża għas-Suq tax-Xogħol u r-Reklutaġġ u mal-Kunsill tas-Suq tax-Xogħol tat-Tramuntana tad-Danimarka, li l-muniċipalitá ta' Frederikshavn kellha laqgħa mal-istituzzjonijiet edukattivi rilevanti li jistgħu jkunu involuti fit-taħriġ għat-tiġdid u għat-titjib tal-ħiliet biex l-offerta tiġi allinjata mal-ħtiġijiet u l-aspettattivi, kif ukoll il-fatt li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mat-trade union NNF;
4. Jinnota li l-applikazzjoni tikkonċerna 751 ħaddiem issensjat affettwati mill-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby; jinnota wkoll li total ta' 390 ħaddiem issensjat se jkunu benefiċjarji fil-mira u huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri; jirrikonoxxi li l-profil tal-ħaddiema ssensjati ma jikkorrispondux mal-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol, peress li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema ssensjati għandhom livelli baxxi ta' kwalifiki formali (46 %) jew kwalifiki u ħiliet pjuttost obsoleti (40 %) kif ukoll li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema b'edukazzjoni primarja biss jappartjenu għall-grupp ta' età bejn it-30 u d-39 sena, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema b'edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali (VET) bħala l-ogħla livell edukattiv jappartjenu għall-grupp ta' età bejn il-50 u d-59 sena; jinnota li 41 % tal-ħaddiema ssensjati ġejjin minn kunist ta' migrazzjoni u ma għandhomx ħakma tajba tad-Daniż; jinnota wkoll li 85,90 % huma rġiel, 14,10 % huma nisa u 10 % huma taħt it-30 sena; jisħaq li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti s-servizzi personalizzati;
5. Jisħaq li d-Danimarka kkonfermat li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhux se jirċievu xi kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin: (a) (a) motivazzjoni (taħlita ta' informazzjoni, motivazzjoni u konsulenza, flimkien mat-tfassil ta' profil tal-ħaddiema), (b) żamma (bl-għan li tinżamm il-motivazzjoni għall-parteċipazzjoni f'perkorsi edukattivi u ta' titjib tal-ħiliet billi l-ħaddiema ssensjati jiġu appoġġjati permezz ta' mentoraġġ individwali u pariri personalizzati, filwaqt li tgħinhom jегħlbu l-isfidi u jnaqqsu sal-minimu l-ostakli), (c) taħriġ dwar il-kompetenzi ġenerali (edukazzjoni ġenerali għall-adulti li tippermetti titjib ta' suġġett wieħed jew aktar fil-livell tal-iskola primarja, kif ukoll tal-ħiliet lingwistiċi fid-Daniż), (d) taħriġ għat-tiġdid u għat-titjib tal-ħiliet, u (e) allowance għat-taħriġ/għat-tfittix ta' impjeg;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li saru offerti ta' taħriġ li jqisu diversi studji bħal Jobbarometer 2023 (analiżi tal-ħtiġijiet tax-xogħol lokali fil-muniċipalitajiet ta' Frederikshavn, Hjørring, Jammerbugt u Brønderslev), il-bilanċ fis-suq tax-xogħol li jipprovdri ħarsa ġenerali tal-opportunitajiet possibbli ta' impjegi, u l-analiżi ta' FremKom4 dwar il-ħiliet, u li għandhom l-għan li jżidu l-kompetenzi ġenerali (inklużi fil-lingwa u fin-numeriżmu), il-kompetenzi diġitali u t-titjib tal-ħiliet għall-impjegi b'nuqqas ta' ħiliet;

8. Jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-prospettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, u dawn huma kompatibbli mal-bidla f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffokaw partikolarment fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali;
9. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, il-ħlas ta' allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2), il-punt (b), tar-Regolament dwar il-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-partekipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjeg fl-attivitajiet proposti.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	8.4.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Eero Heinäluoma, Hervé Juvin, Fabienne Keller, Joachim Kuhs, Pierre Larroustou, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Herbert Dorfmann, Jan Olbrycht
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Petra Kammerevert, Wolfram Pirchner, Dominique Riquet, Mounir Satouri

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

24	+
NI	Andor Deli, Hervé Juvin
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Karolin Braunsberger-Reinhold, Herbert Dorfmann, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Wolfram Pirchner, Eleni Stavrou
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Dominique Riquet, Nils Torvalds
S&D	Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Petra Kammerevert, Pierre Larrourou, Margarida Marques, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Alexandra Geese, Mounir Satouri

0	-

1	0
ID	Joachim Kuhs

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni